26 ta' Ġunju, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Antonia Mifsud *versus* Alfonso Mifsud

**Separazzjoni Personali — Rikonċiljazzjoni — Rijunjoni — Mara — Alimenti — Diżokkupazzjoni — Art. 50 (1), 27 (3) u 3 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond il-liġi, l-azzjoni tal-firda tispiċċa meta r-raġel u l-mara jissewwew. Imma din id-dispożizzjoni ġiet kostantement interpretata mill-Qrati Tagħna fis-sens illi mhux biżżejjed għar-rikonċiljazzjoni l-fatt li l-miżżewġin jerġgħu jabitaw flimkien; u ma jammontax għal rikonċiljazzjoni s-sempliċi tentativ ta' rijunjoni bejn il-miżżewġin, meta dawn, mingħajr intervall raġjonevoli, jerġgħu jiġġiedu u jmorru jogogħdu għal rashom.*

*Id-diżokkupazzjoni mhix motiv biex teħles lir-raġel mill-obligu ta' l-alimenti lejn martu, speċjalment meta dik id-diżokkupazzjoni tkun kolpuża.*

*L-alimenti dovuti lill-mara, għal li huma dovuti skond il-mezzi u l-kondizzjoni tar-raġel, m'humiex kalkolabili fuq il-qliegħ tiegħu u fuq il-frutti tal-beni li jippossjedi, imma fuq il-ġid kollu li għandu.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, billi l-konvenut irrenda ruħu ħati versu l-attriċi ta' minaċċi, inġurji gravi, eċċessi u sevizji, (1) tiġi pronunzjata minn din il-Qorti l-firda personali bejn il-kontendenti, billi l-attriċi tiġi awtorizzata li tgħix separatament mill-konvenut żewġha; (2) jiġi dikjarat bis-saħħa ta' l-art. 59 Kap. 23, illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet tiegħu kontemplati fl-art. 56 u 58 Kap. 23; (3) din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi t-tifel komuni Carmelo, u għadu minorenni, jiġi affidat fil-kustodja ta' l-attriċi; (4) u l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja għaliha u għalimsemmi tifel komuni fir-rata, mod u żmien, li jistabbilixxi din il-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċedura tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

*Omissis;*

Ikkunsidrat qabel xejn, dwar l-eċċepita rikonċiljazzjoni;

Illi mix-xhieda ta' l-attriċi (fol. 87 tergo) irriżulta li fti: qabel il-kawża hija kienet għamlet paċi ma' żewġha, għax hu kien wegħedha li joqgħod kwiet; l-ewwel ġurnata hu mar lejn id-dar bejn sakran u le; l-attriċi avżatu li terġa' titilqu, u howa pprometta li ma jerġax; il-jumejn ta' wara hu baqa' jixrob, waddab flixkun lil martu u ried jagħtiha bis-sikkina; fuq dan, l-attriċi ħarġet mid-dar u marret l-ewwel għand missierha, u mbagħad ma' binha, fejn għadha sal-lum. Dina x-xhieda insab konfermata minn Maria Magro (fol. 18);

Illi skond l-art. 50 (1) tal-Kodiċi Ċivili l-azzjoni tal-firda tispiċċa meta r-raġel u l-mara jissewwew;

Din id-dispożizzjoni ġiet kostantement interpretata mill-Qrati Tagħna fis-sens li mhux biżżejjed għar-rikonċiljazzjoni l-fatt li l-miżżewġin jerġgħu jabitaw flimkien; għaliex il-liġi mhix kuntrarja, anzi hija favorevoli, li jsiru tentativi biex il-miżżewġin jerġgħu jingħaqdu u jirristabbilixxu dawk ir-relazzjonijiet konjugali li minnhom tiddependi l-prosperità tal-familja. Hemm bżonn, għalhekk, li tiġi rikostruwita l-ħajja konjugali, b'mod li terġa' titwieled dik il-komunanza ta' affetti, sentimenti u interessi, li jikkostitwixxi l-essenza ta' dik il-ħajja (Kollez. XXXIII—II—303). Konsegwentement

ma jammontax għal rikonċiljazzjoni sempliċi tentativ ta' rijunjoni bejn il-miżżewġin, meta dawn, mingħajr intervall raġjonevoli, jerġgħu jiġġieldu u jmorru joqgħodu għal rashom (Kolez. XVIII—II—131);

Illi, fil-fehma tal-Qorti, ir-rijunjoni tal-kontendenti kienet sempliċi tentativ ta' rikonċiljazzjoni li ma rnexxiex hija ta' l-istess konvenut li qiegħed il-lum jeċċepiha;

Illi konsegwentement l-eċċepita estinzjoni ta' l-azzjoni mhix sostenibili, u qiegħda tiġi respinta, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Ikkunsidrat fil-meritu:

*Omissis;*

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi hu xieraq li l-imsemmi tifel komuni Carmelo jiġi affidat fil-kura u kustodja ta' l-attriċi;

Illi rigward l-alimenti, l-attriċi xehdet li l-konvenut ma għandux, iżda għandu wirt tajjeb minn ħuh u miz-zijiet tiegħu; u għamlet riferenza għall-atti tal-kawża "Antonio Mifsud vs. Amabile Mifsud et.", fuq imsemmija. Il-Qorti eżaminat dik il-kawża, u wara li rriflettiet (a) li d-diżokkupazzjoni tal-konvenut mhix motiv biex teħilsu mill-obligu ta' l-alimenti, wisq aktar meta hija kolpuża, u (b) li l-alimenti dovuti lill-mara, għad li huma dovuti mir-raġel skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu, mhumiex regolati mill-art. 27 (3) tal-Kodiċi ċivili li jiġifieri kalkolati fuq il-qliegħ tiegħu u fuq il-frutti tal-beni li jippossjedi, iżda mill-art. 3 (2) tal-Kodiċi fuq imsemmi, fuq il-ġid kollu li għandu (Kollez. XXIX—II—351 u 539), hija tal-fehma li l-konvenut għandu jikkorrispondi pensjoni alimentarja ta' £2. 2. 0 fil-ġimgħa;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tikkundanna lill-konvenut iħallas pensjoni alimentarja ta' £2. 2. 0. fil-ġimgħa lill-attriċi kwantu għal £1. 8. 0 għall-manteniment tagħha, u kwantu għal 14s. għall-manteniment ta' l-imsemmi minuri Carmelo, u dana bil-quddiem, fir-residenza ta' l-attriċi, mil-lum;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.